MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Numru 20/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur C Ellul)**

**vs**

**Eugenio Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Eugenio Formosa ta’ 46 sena iben Lewis u Anna nee’ Glea, imwieled il-Hamrun nhar fis-26 ta’ Dicembru 1958 u li joqghod fil-fond “Genjos”, Triq Pawlu Saliba, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 036459 M.

Akkuzat:

1. talli fis-27 ta’ Settembru, 2003 u fis-snin ta’ qabel bhala d-detentur tal-propjeta “The Best Pastizzerija” li jinsabu fi Triq Manuel Magri il-Hamrun, jew bhala l-persuna li kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda kkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2. talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-imputat jametti l-akkuzi f’liema ammissjoni hu nsista anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi kontra l-imputat huma konessi ma serq ta’ kurrent elettriku.

Fuq skorta tal-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Hadet in konsiderazzjoni l-fatt li hu hallas dak li kien dovut.

Rat l-Artikolu 261, 264, 270, 271, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 u tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 553 tal_Kap9 u tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-espert nominat fl-inkjesta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------